TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 106/18/F

**Joseph Galea**

**vs**

**Francis Agius u Chris Pope ta' Stop Shop, u Dalton Caruana ta' Stop Shop Melita**

Illum 10 ta' Mejju, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-16 ta' Lulju, 2018 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' sittin Ewro (€60), rappreżentanti l-prezz ta' mobile phone li wara li xtrah kellu l-ħsara fuq l-iscreen.

L-intimat Francis Agius ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara mobile phone mingħand id-ditta intimata u wara erbat ijiem dan il-mobile phone kellu problema fuq l-iscreen u mar sabiex isewwih, u ma sewwewuluhx.

It-Tribunal, jinnota illi minkejja li Francis Agius issottometta risposta, dana m'attendiex għas-seduta sabiex jikkontesta t-talba.

It-Tribunal, wara li sema' l-verżjoni tar-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tiegħu hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata in solidum sabiex iħallsu l-ammont ta' sittin Ewro (€60), b'dan illi l-mobile phone jiġi propjeta' tal-intimati wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess intimati.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888